*'impjieg eċċettwat' taħt il-paragrafu 6 Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 318, li jagħmel riferment biss għall-impjieg ta' direttur fil-kwalità ta' direttur u mhux f'xi rwol ieħor fin-negozju*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' April, 2021

Appell Inferjuri Numru 19/2020 LM

**Anna Ferris (K.I. 95155M)**
*("l-appellata")*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

1. Dan huwa appell magħmul mid-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, hawnhekk "l-appellant", minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali (minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"), tat-12 ta' Ġunju, 2020 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha l-Arbitru ddeċieda li l-appell intavolat mir-rikorrenti **Anna Ferris (K.I. 95155M)** (hawnhekk "l-appellata") mid-deċiżjoni li ħa d-Direttur Ġenerali intimat fis-27 ta' Marzu, 2018 fir-rigward tal-

pensjoni kontributorja li għandha titħallas lir-rikorrenti, għandu jiġi milqugħ. Ir-rikorrenti ressqet l-appell tagħha quddiem l-Arbitru wara li ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat li l-kontribuzzjonijiet li saru minnha għal perijodu partikolari tal-ħajja lavorattiva tagħha għandhom jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet li jaqgħu taħt it-tieni klassi (għal persuni li jaħdmu għalihom innifishom), minflok kontribuzzjonijiet li jaqgħu taħt l-ewwel klassi (għal persuni impjegati).

**<u>Fatti</u>**

2. Mill-atti jirriżulta li fit-13 ta' Frar, 2018, ir-rikorrenti applikat għall-pensjoni tal-irtirar mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u permezz ta' ittra annessa mal-applikazzjoni tagħha hija infurmat lid-Direttur Ġenerali intimat li hija għamlet għaxar snin taħdem għaliha nnifisha, sal-21 ta' Diċembru, 2012. Ir-rikorrenti spjegat li fl-aħħar ġimgħa tal-2012, bi żball hija ħallset żewġ kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali żejda, u dan minkejja li f'dan il-perijodu hija ma kinitx qiegħda taħdem. Ir-rikorrenti ma baqgħetx irreġistrata bħal persuna li taħdem għaliha nnifisha wara l-21 ta' Diċembru, 2012. Spjegat li fl-1 ta' Jannar, 2013 hija bdiet taħdem bħala *Managing Director* mal-kumpannija AFE Trading Limited, liema kumpannija ġiet irreġistrata fid-19 ta' Diċembru, 2012 flimkien mal-kumpannija bl-isem AFE Property Limited. Ir-rikorrenti spjegat li l-ishma f'dawn il-kumpanniji huma tagħha u ta' Wliedha, fejn hija u kull wieħed mit-tliet uliedha għandhom 25% tal-ishma. Ir-rikorrenti, minkejja li talbet għal rifużjoni tal-kontribuzzjonijiet żejda mħallsa minnha fl-aħħar ġimgħa tal-2012, hija ġiet infurmata li japplika perijodu ta' ħames snin entro

liema tista' ssir talba bħal din għar-rifużjoni ta' xi ammonti mħallsa żejda, u għalhekk l-ammonti żejjed mħallas minnha ma setgħax jiġi rifuż lilha. Ir-rikorrenti spjegat ukoll li peress li dawn kienu ħlasijiet żejda li saru minnha, dawn il-kontribuzzjonijiet żejda ma kellhomx jiġu kkonsidrati għall-iskop tad-determinazzjoni tal-pensjoni tal-irtirar tagħha, għaliex kien fl-interess tagħha li l-pensjoni tagħha tinħadem fuq il-kontribuzzjonijiet li hija għamlet bħala persuna impjegata mill-1 ta' Jannar, 2013 'il quddiem. In vista ta' din l-informazzjoni, ir-rikorrenti talbet lid-Direttur Ġenerali intimat jaħdem il-pensjoni li hija intitolata għaliha fuq il-kontribuzzjonijiet li tħallsu minnha tul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar, 2013 u l-31 ta' Diċembru, 2017, is-snin li matulhom hija kienet impjegata mal-kumpannija.

Permezz ta' ittra tal-intimat bid-data tas-27 ta' Marzu, 2018, ir-rikorrenti ġiet infurmata li ġie deċiż li hija għandha tirċievi pensjoni kontributorja bir-rata ta' €141.17 fil-ġimgħa mill-1 ta' Jannar, 2018 u bir-rata ta' €144.92 fil-ġimgħa mis-6 ta' Jannar, 2018, u li ma' dawn l-ammonti kienet ser tirċievi wkoll bonus addizzjonali u bonus tal-għoli tal-ħajja.

**Mertu**

3. Fl-appell li r-rikorrenti ressqet quddiem l-Arbitru, din sostniet li minkejja t-talba tagħha sabiex il-pensjoni kontributorja li titħallas lilha mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali tinħadem fuq is-snin li hija kienet fl-impjieg, din it-talba tagħha ġiet injorata mill-intimat. Fit-talba tagħha lill-Arbitru, ir-rikorrenti qalet

li hija ma ngħatat l-ebda raġuni għal din id-deċiżjoni tal-intimat, u tħoss li din id-deċiżjoni hija waħda inġusta fil-konfront tagħha.

4. L-intimat ħa l-pożizzjoni li f'dan il-każ ir-rikorrenti għandha għadd ta' kontribuzzjonijiet imħallsin li huma kemm ta' klassi 1 kif ukoll ta' klassi 2 Spjega li għalhekk il-pensjoni tar-rikorrenti inħadmet fuq l-iskeda 13, li tieħu inkonsiderazzjoni l-kontribuzzjonijiet imħallsa fuq numru ta' snin aktar milli kieku persuna tkun impjegata. L-intimat spjega wkoll li f'dan il-każ bejn l-2009 u l-2012, ir-rikorrenti ħallset kontribuzzjonijiet bl-inqas rata abbażi tad-dħul iddikjarat minnha f'dak il-perijodu.

5. Quddiem l-Arbitru ġew ippreżentati diversi dokumenti, fosthom ittra li d-Direttur Ġenerali intimat bagħat lir-rikorrenti fl-4 ta' Jannar, 2017, fejn ir-rikorrenti ġiet infurmata li għall-fini tal-komputazzjoni tal-pensjoni li titħallas lil kull persuna, tittieħed konsiderazzjoni tal-*calendar years* li persuna tkun ħadmet, minn Jannar sa Diċembru. Ir-rikorrenti ġiet infurmata li fil-każ tagħha, f'każ li hija tiddeċiedi li tirtira f'April tal-2018, il-kontribuzzjonijiet li jiġu kkonsidrati huma dawk imħallsa bejn Jannar tal-2008 u Diċembru tal-2017. Ir-rikorrenti ġiet infurmata li hija kellha 261 kontribuzzjoni bħala persuna *self-employed* (Klassi II), u 260 kontribuzzjoni bħala persuna fl-impjieg (Klassi I), u għalhekk il-pensjoni kontributorja tagħha kellha tinħadem fuq il-profitt nett li hi kienet tiddikjara fiż-żmien meta kienet taħdem għaliha nnifisha. Ir-rikorrenti ġiet infurmata wkoll li f'każ li jinstab li kien hemm kontribuzzjonijiet ugwali li saru minnha fiż-żewġ klassijiet, fil-każ tagħha titħaddem l-aktar soluzzjoni li tkun ta' benefiċċju għaliha. Ir-rikorrenti ġiet infurmata wkoll li sabiex il-

pensjoni kontributorja tagħha tkun ibbażata fuq l-introjtu tagħha fis-snin meta hija kienet fl-impjieg, hija kellha tirtira f'Jannar, 2018, u f'dak il-każ tittieħed konsiderazzjoni tal-kontribuzzjonijiet li jkunu tħallsu minnha fl-2018. Ir-rikorrenti ppreżentat diversi provi dokumentarji għall-konsiderazzjoni tal-Arbitru, partikolarment għaliex hija kienet bdiet bl-indaġini tagħha mad-Dipartiment madwar sentejn qabel laħqet l-età pensjonabbli, sabiex tikseb l-informazzjoni meħtieġa dwar is-sitwazzjoni tagħha, u għalhekk ippreżentat il-korrispondenza kollha li għaddiet bejnha u d-Dipartiment f'dan il-perijodu.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Ġunju, 2020, l-Arbitru ddeċieda b'dan il-mod:

> *"Illi dan l-appell sar fuq deċiżjoni tad-DSS datata 27 ta' Marzu, 2018 li permezz tagħha d-DSS informa lill-appellanta illi l-pensjoni kontributorja tagħha kien ser ikun dak ta' €141.17 fil-ġimgħa mill-1 ta' Jannar, 2018 u ta' €144.92 mis-6 ta' Jannar, 2018, dan apparti l-bonus addizzjonali u l-bonus kull sitt xhur.*
>
> *Fl-appell tagħha, l-appellata qalet illi kienet* self-employed *sal-21 ta' Diċembru, 2012 u meta ħallset il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-aħħar kwart tal-2012, ħallset żewġ kontribuzzjonijiet żejda għll-perijodu li ma kinitx qiegħda taħdem u ċioe għall-24 ta' Diċembru, 2012 u l-31 ta' Diċembru, 2012. Hija bdiet taħdem bħala Managing Director mal-kumpannija AFE Trading Limited li hija kumpannija tal-familja tagħha. Hija għandha 25% ishma f'din il-kumpannija. Hija argumentat illi d-DSS m'għandux jieħu konjizzjoni tal-kontribuzzjonijiet imħallsa żejda, meta jikkalkula l-pensjoni tagħha, imma kellu jikkalkula l-bolla mħallsa minn meta hija kienet impjegata mal-kumpannija.*
>
> *Min-naħa tiegħu d-DSS ma jaqbilx ma' dan l-argument u sostna li kollox sar skont il-liġi billi l-pensjoni ġiet ikkalkulata permezz tal-iskeda rispettiva (13).*

*Illi l-appellanta irnexxielha tipprova illi effettivament hija tterminat l-istatus ta' self-employed fil-21 ta' Diċembru, 2012 permezz ta' ittra li ppreżentat hija stess, liema ittra minn JobsPlus iġġib id-data tat-18 ta' Jannar, 2013. Madankollu naqset milli tipprovdi li bdiet bħala impjegata fil-pożizzjoni ta' Managing Director fl-2013. Madanakollu d-DSS ma kkontestax dan il-fatt anki billi l-appellanta preżentat kopja tal-kuntratt tal-impjieg tagħha.*

*Filfatt ġie ppruvat illi l-appellanta kienet taħdem bil-paga u li l-kontribuzzjonijiet tħallsu kollha. Di più ġie wkoll ippruvat illi l-kontribuzzjonijiet soċjali illi hija talbet rifużjoni tagħhom, ma ngħatawx lura mid-dipartiment għax it-talba tagħha kienet preskritta u mhux għax id-dipartiment kien baqa' jikkunsidraha bħala* self-employed.

*Id-DSS fis-sottomissjonijiet tiegħu jagħmel referenza għall-artikolu 6 tat-Tieni Taqsima tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 318. Din il-parti tagħmel espliċitament referenza għall-*'partnership' *u mhux* 'company'*. Qed jintużaw it-termini bl-Ingliż apposta sabiex wieħed jifhem aktar malajr id-distinzjoni. L-artiklu 6 japplika biss għal* partnerships. *Li kieku l-leġislatur riedu japplika wkoll għal soċjetajiet kummerċjali* (company), *kien jinkludi referenza speċifika. Kwindi l-Arbitru hu tal-fehma illi dan l-artiklu ma japplikax. Għalhekk tapplika t-Tlettax-il Skeda. Il-pern tal-kontestazzjoni hu dwar liema artikolu japplika għall-każ de quo u ċioe' jekk is-sinjura kellhiex tkun ikkunsidrata bħala impjegata jew* self-employed.

*Il-Kap. 318 jiddefinixxi persuna impjegata bħala persuna li ma tkunx għalqet l-età ta' ħamsa u sittin sena u li tkun impjegata f'impjieg assigurabbli. Min-naħa l-oħra persuna li timpjega lilha nnifisha, tfisser persuna li ma tkunx għalqet l-età ta' ħamsa u sittin sena, li tkun ordinarjament tirrisjedi f'Malta, u li ma tkunx persuna impjegata u li ma tkunx persuna li taħdem għaliha nnifisha.*

*Illi meta wieħed jikkalkula d-dħul pensjonabbli tal-appellanta għall-10 snin preċedenti l-irtirar tagħha, dan jammonta għal €111,343, filwaqt li għall-aħħar tliet snin jammonta għal nofs dan l-ammont u ċioe €55,335. L-argument ewlieni hu liema minn dawn għandhom jintużaw? L-10 snin għax hija kienet* self-employed*, jew it-3 snin billi hija kienet impjegata għall-aħħar 5 snin qabel ma irtirat?*

*B'nota datata 16 ta' Lulju, 2019, id-DSS jgħid illi l-artikolu applikabbli għall-pensjoni tal-appellanta huwa l-artikolu 5. Madanakollu ma indikax għal liema Artikolu 5 qed jirreferi u kwindi l-Arbitru mhux se jieħu konjizzjoni ta' din in-nota li setgħet kienet aktar ċara.*

*Meta wieħed jara l-ammont ta' kontribuzzjonijiet soċjali li tħallsu mill-appellanta fl-aħħar 10 snin qabel ma irtirat, jinduna illi ħallset aktar Class 1 milli Class 2.*

*L-artikolu 1(b) tat-Tlettax-il Skeda huwa l-artiklu li fil-fehma tal-Arbitru għandu jkun applikabbli fil-każ de quo.*

*Dan l-artiklu jgħid hekk:*

1. *Fil-każ ta' persuna –*

   (b) *Imwielda fis-snin kalendarji 1952 sa 1955 li għandha titqies bħala persuna imjpegata, il-medja tas-sena tal-paga jew salarju bażiku tagħha matul l-aħjar tliet snin kalendarji konsekuttivi fi żmien l-aħħar ħdax-il sena kalendarja konsekuttiva li jiġi minnufih qabel ma tirtira jew issir invalida skont dan l-Att, kif ikun il-każ;*

*L-appellanta twieldet fl-1955. Qabel ma irtirat kienet impjegata. L-aħħar tliet snin qabel ma irtirat kienet impjegata u ħallset kontribuzzjonijiet tal-Class 1. Il-kliem l-aktar importanti fil-paragrafu surriferit huma 'minnufih qabel ma hi tirtira'. Minnufih qabel ma rtirat hija kienet impjegata.*

*Ta' min wieħed jissottolinea wkoll li l-appellanta ma ħadmitx l-2018 kollha imma ħallset 20 kontribuzzjoni biss. Illi jekk wieħed jieħu in kunsiderazzjoni l-bolol imħallsa fis-snin b'mod komplet u ċioe li tħallsu ta' sena kalendarja sħiħa, l-appellanta tidher li ħallset kontribuzzjoni Class 2 aktar minn dawk Class 1. Ma rridux ninsew ukoll iż-żewġ kontribuzzjonijiet Class 2 li tħallsu għalxejn mill-appellanta. Dan il-ħlas però kien responsabbilità tagħha u issa ma tistax titfagħha fuq id-dipartiment.*

*Madanakollu, biex wieħed jara liema artikolu tat-tlettax-il skeda japplika, id-DSS kellu jagħżel, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni speċifika f'każijiet bħal dawn, l-aktar kalkolu vantaġġuż għall-applikanta appellanta. Kap. 318 huwa miżgħud b'ċirkostanzi fejn l-aktar kalkolu vantaġġuż għall-applikanti jiġi adoperat.*

*F'dan il-każ, anki għall-fatt illi l-appellanta kienet ilha 5 snin qabel ma irtirat impjegata tħallas Class 1 contributions, id-DSS kellu japplika l-artikolu 1(b) sabiex jikkalkula d-dħul pensjonabbli għall-aħħar 3 snin. Il-medja tad-dħul tal-appellanta fl-aħħar 3 snin kien ta' €18,445.*

*Id-DSS għalhekk kellu jikkalkula l-pensjoni wara li jieħu in kunsiderazzjoni d-dħul tal-appellanta għall-aħjar tliet snin li jirriżultaw li huma l-aħħar 3 snin li għamlet impjegata l-appellanta.*

*Għal motivi kollha su-riferiti l-appell qed ikun milqugħ u kwindi d-DSS għandu jikkalkula l-pensjoni tal-appellanta abbażi tal-artikolu 1(b) tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 318 b'effett mill-applikazzjoni tagħha."*

**L-Appell**

7. Id-Direttur Ġenerali appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fid-29 ta' Lulju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tat-12 ta' Ġunju, 2020, u konsegwentement tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tas-27 ta' Marzu, 2018. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru għaliex dan għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. L-appellant spjega li minkejja li fl-aħħar ħames snin qabel irtirat l-appellata kienet impjegata, u kienet ħallset kontribuzzjonijiet bħala persuna impjegata, dawn il-kontribuzzjonijiet ma setgħux jitqiesu bħala tali għaliex l-impjieg tal-appellata f'dawn l-aħħar ħames snin kien meqjus bħala impjieg eċċettwat *ai termini* tal-paragrafu 6 tat-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 318. L-appellant qal li għalhekk il-kontribuzzjonijiet tal-appellanta f'dawn il-ħames snin kellhom jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet tat-tieni klassi, u peress li l-appellanta kellha aktar kontribuzzjonijiet tat-tieni klassi mħallsin, hija ma setgħetx tiġi kkunsidrata bħala persuna impjegata għall-fini ta' kalkolu tar-rata tal-pensjoni tagħha.

8. L-appellant qal li bejn l-2008 u l-2012, l-appellata ħallset kontribuzzjonijiet bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha. Spjega li mill-1 ta'

Jannar, 2013, l-appellata ġiet impjegata bħala *managing director* mal-kumpannija AFE Trading Limited. L-ishma ta' din il-kumpannija kienu jappartjenu lill-appellata u lil membri tal-familja tagħha. Qal li kemm l-appellata kif ukoll it-tliet uliedha kienu azzjonisti f'din il-kumpannija, u l-appellata kienet ukoll direttriċi ta' din il-kumpannija. L-appellant spjega li bejn l-2008 u l-2012, l-appellata kienet qiegħda tħallas kontribuzzjonijiet bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha. Mis-sena 2013 sas-sena 2017, din bdiet tħallas kontribuzzjonijiet bħala persuna impjegata, peress li hija ġiet impjegata bħala *managing director* mal-kumpannija inkwistjoni. L-appellant spjega li meta d-Dipartiment ġie biex jikkalkula r-rata ta' pensjoni tal-appellanta, iddeċieda li l-kontribuzzjonijiet imħallsa minnha bejn is-snin 2013 u 2017 ma setgħux jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet li saru minn persuna impjegata, għaliex l-impjieg tagħha kien jikkwalifika bħala impjieg eċċettwat *ai termini* tal-paragrafu 6 tat-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 318. Spjega li kien għalhekk li d-Dipartiment kellu jqis li l-kontribuzzjonijiet li tħallsu mill-appellata bejn is-sena 2013 u s-sena 2017 kienu tħallsu bħala kontribuzzjonijiet tat-tieni klassi, jew aħjar kontribuzzjonijiet li saru minn persuna li taħdem għaliha nnifisha. L-appellant għamel riferiment għall-imsemmi paragrafu, li jaqra hekk:

> "Impjieg ta' xi diretturi f'xi soċjetà, għall-finijiet ta' dik is-soċjetà, fejn f'din is-soċjetà jkunu ngħaqdu flimkien persuni li jkunu jiġu minn xulxin, sa u inklużi kuġini fl-ewwel grad u/jew in-nisa tagħhom jew żwieġhom, sakemm xi diretturi bħal dawk ikunu huma nnifishom soċji bħal dawk jew in-nisa ta' jew żwieġ dawk is-soċji."

L-appellant qal li meta l-Arbitru ġie biex jagħti interpretazzjoni ta' dan il-paragrafu, dan qies li l-liġi tuża l-kelma "soċjetà" u mhux "kumpannija", u għalhekk iddeċieda li dan l-artikolu tal-liġi japplika biss għal soċjetajiet u

ladarba l-leġiżlatur m'għamilx riferiment għal soċjetajiet kummerċjali f'dan l-artiklu, dan l-artikolu ma japplikax għal din is-sitwazzjoni. L-appellant sostna li din l-interpretazzjoni tal-Arbitru hija waħda żbaljata għalkollox, u tista' saħansitra sservi ta' inċentiv għal min ikollu intenzjoni li jabbuża mil-liġi a skapitu tal-erarju pubbliku.

9. L-appellant qal li l-liġi titkellem dwar "soċjetà", u huwa paċifiku li fl-ordinament ġuridiku Malti, soċjetà tista' tkun kemm waħda kummerċjali kif ukoll waħda ċivili. Qal li s-soċjetajiet kummerċjali huma regolati mill-Kap. 168[1], u jinkludu soċjetajiet f'isem kollettiv, soċjetajiet in akkomandita u soċjetajiet anonimi, jew aħjar kumpanniji b'responsabbilità limitata. Mill-banda l-oħra s-soċjetajiet ċivili huma regolati bid-dispożizzjonijiet tat-Titolu X tal-Kap. 16. L-appellant kompla jgħid li l-paragrafu inkwistjoni ma jispeċifikax x'tip ta' soċjetà għandha tiġi meħuda inkonsiderazzjoni għall-fini tad-determinazzjoni dwar jekk impjieg huwiex eċċettwat jew le taħt il-Kap. 318, u għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li għamel l-Arbitru, li għażel li jinterpreta t-tifsira ta' "soċjetà" b'mod restrittiv għall-aħħar, fil-fehma tal-appellant dan it-terminu kellu jingħata interpretazzjoni wiesgħa.

10. L-appellant spjega li fil-fatt jirriżulta li l-kumpannija li l-appellata ġiet impjegata magħha hija waħda b'responsabbilità limitata, u ladarba din it-tip ta' kumpannija taqa' fil-parametri tat-tifsira ta' "soċjetà", l-Arbitru kellu jasal għall-konklużjoni li l-impjieg tal-appellata kien fil-fatt impjieg eċċettwat. L-appellant għamel riferiment għad-dibattitu parlamentari li wassal għall-

[1] Li ġie mibdul bil-Kap. 386.

emendi għall-Kap. 318, fejn l-Ministru Louis Galea dak iż-żmien kien spjega li r-raġuni għall-emendi introdotti fil-liġi kienet sabiex jitnaqqsu l-każijiet fejn persuni jkunu jistgħu jinfluwenzaw is-salarji tagħhom stess. L-appellant qal li huwa evidenti għalhekk li l-leġiżlatur ma riedx jirrestrinġi t-tifsira ta' "soċjetà" għal xi tip ta' soċjetà partikolari. Żied jgħid li l-intenzjoni tal-leġiżlatur kienet li jimpedixxi lil dawk id-diretturi tal-kumpanniji milli jippruvaw jabbużaw mis-sistema tas-Sigurtà Soċjali billi jimpjegaw lil xulxin u jbiddlu l-istat tagħhom minn dak ta' persuni li jaħdmu/jimpjegaw lilhom jew għalihom infushom għal dak ta' persuni impjegati, bil-għan li jinfluwenzaw is-salarji tagħhom stess u jibbenefikaw mill-benefiċċji kollha li din il-bidla fl-istatus iġġib magħha. L-appellant qal li dak li tkellem dwaru l-leġiżlatur meta ddaħħlu fis-seħħ dawn l-emendi għal-liġi, huwa proprju dak li għamlet l-appellata. Qal li bejn is-snin 2009 sa 2012, l-appellata saħansitra ddikjarat telf, u għalhekk għall-fini ta' kontribuzzjonijiet kellu jiġi meqjus id-dħul ta' €910 fis-sena. Fis-sena 2013 l-appellata ġiet impjegata bħala *managing director* mal-kumpannija li tagħha hija kienet azzjonista flimkien ma' wliedha, liema kumpannija ġiet inkorporata fid-19 ta' Diċembru, 2012. L-appellant żied jgħid li fl-2013 id-dħul tal-appellata inbidel drastikament, u minn dik is-sena l-appellata bdiet tiddikjara dħul ta' aktar minn €18,000 fis-sena.

11. L-appellant qal li għalhekk huwa evidenti li l-impjieg tal-appellata bħala direttriċi tal-kumpannija AFE Trading Limited, kien intiż proprju sabiex iseħħ dak li ried jimpedixxi l-leġiżlatur permezz tal-paragrafu 6 tat-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 318. Qal li f'dan il-każ, il-kumpannija ġiet iffurmata minn numru ta' persuni li jiġu minn xulxin, u l-azzjonisti tagħha huma l-appellata u t-

tliet uliedha. Qal li għalhekk huwa kien korrett meta qies l-impjieg tal-appellata ma' din is-soċjetà bħala impjieg eċċettwat, u konsegwentement ikkonsidra l-kontribuzzjonijiet tagħha mis-sena 2013 sas-sena 2017 bħala kontribuzzjonijiet li saru minn persuna li taħdem għaliha nnifisha. L-appellant spjega li l-appellata twieldet fis-sena 1955 u matul l-aħħar għaxar snin li ġew mitmuma fl-aħħar jum tas-sena kalendarja li ġiet minnufih qabel ma l-appellata irtirat, jiġifieri bejn is-sena 2008 u s-sena 2017, l-appellata kienet meqjusa bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha, u għalhekk għall-fini tal-kalkolu tal-pensjoni tagħha, il-kontribuzzjonijiet li ħallset matul dawn l-għaxar snin għandhom ikunu skont dak li jipprovdi l-artikolu 2(3) tal-Kap. 318, u jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet imħallsa minn persuna li taħdem għaliha nnifisha. Kompla jgħid li in vista ta' dan kollu, għandu jitqies li huwa kien korrett meta ħadem il-pensjoni tal-appellata skont l-artikolu 3(b) tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 318, jiġifieri bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha. L-appellant ikkonkluda r-rikors tal-appell tiegħu billi qal li l-Arbitru f'dan il-każ kellu l-obbligu li jħares il-liġi u japplika l-istess f'kull każ li jiġi ppreżentat quddiemu. Qal li f'dan il-każ l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi inkwistjoni kif mistenni minnu, u għalhekk id-deċiżjoni mogħtija minnu mhijiex waħda ġusta.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

12. L-appellata wieġbet li d-deċiżjoni appellata hija ġusta, ekwa u legali u li għalhekk għandha tiġi kkonfermata minn din il-Qorti. In linea preliminari eċċepiet li l-appellant għandu jġib il-prova li l-appell sar minnu fi żmien tletin jum mill-ġurnata meta ġiet innotifikata lilu d-deċiżjoni tal-Arbitru *ai termini* tal-

artikolu 109(2) tal-Kap. 318. L-appellata kompliet billi ċaħdet bl-aktar mod kategoriku u assolut l-allegazzjoni tal-appellant, li hija ssejħilha 'kapriċċjuża, sfaċċata u infondata' fil-konfront tagħha, partikolarment fejn l-appellant jinsisti li hija qiegħda tipprova tabbuża mis-sistema tas-Sigurtà Soċjali meta hija ġiet impjegata ma' kumpannija li fiha għandha sehem ta' 25%, u għalhekk biddlet l-istat tagħha minn dak ta' persuna li taħdem għaliha nnifisha għal dak ta' persuna impjegata, bl-għan ewlieni li tinfluwenza s-salarju tagħha u tibbenefika mill-benefiċċji disponibbli għaliha bil-bidla fl-istatus tagħha minn persuna li taħdem għaliha nnifisha għal dak ta' persuna impjegata.

13. L-appellata tgħid li l-allegazzjonijiet u l-konġetturi li qegħdin isiru mill-appellant huma mingħajr bażi, u l-appellant ma ġab l-ebda ħjiel ta' prova sabiex isostni dak li qiegħed jintqal minnu. Tgħid li kuntrarjament għal dak allegat mill-appellant, mill-*memorandum and articles of association* tal-istess kumpannija li hija taħdem magħha, għandu jirriżulta li l-ebda persuna involuta fit-tmexxija tal-kumpannija, inkluża l-appellata stess fil-kapaċità tagħha ta' direttur jew azzjonist fil-kumpannija, ma tista' teżerċita kontroll u m'għandha s-setgħa li tinfluwenza jew tieħu deċiżjonijiet waħedha li jistgħu jwasslu għal tibdil radikali jew li jista' jkollhom impatt fuq l-istruttura, l-operat jew l-amministrazzjoni, jew id-direzzjoni tal-kumpannija, inkluż fuq is-salarji tal-impjegati tagħha jew ir-rimunerazzjoni li tingħata lid-diretturi tagħha. L-appellata spjegat li deċiżjonijiet li jirrikjedu l-intervent tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija jeħtieġu jew il-vot unanimu jew inkella l-vot tal-maġġoranza tal-bord magħmul mid-diretturi, filwaqt li deċiżjonijiet li jirrikjedu l-intervent tal-azzjonisti jeħtieġu vot unanimu jew il-vot ta' mill-anqas 65% tal-azzjonisti

tal-kumpannija. L-appellata żiedet tgħid li l-argumenti miġjuba mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, ma jirriflettux u ma jsegwux il-fatti kif ġraw. Qalet li hija dejjem imxiet b'*bona fede*, b'onestà u b'ġenwinità assoluta, partikolarment meta wieħed iqis li mis-sena 2015, jiġifieri sentejn wara li ġiet iffurmata l-kumpannija li kienet taħdem magħha l-appellata, hija kienet diġà qiegħda tipprova tikseb informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet imħallsa minnha tul is-snin, u dwar il-pensjoni li eventwalment hija ser tkun intitolata għaliha. Spjegat li għal dan il-għan hija kellha diversi laqgħat u skambji ta' informazzjoni ma' uffiċjali tad-Dipartiment, fejn ġiet diskussa fid-dettall u b'mod trasparenti s-sitwazzjoni tax-xogħol tagħha kemm qabel kif ukoll wara li ġiet iffurmata il-kumpannija, l-involviment tagħha fil-kumpannija, il-kontribuzzjonijiet li tħallsu minnha tul is-snin, u l-alternattivi disponibbli għaliha skont il-liġi sabiex tkun tista' tibbenefika mill-aktar rata ta' pensjoni ta' benefiċċju għaliha. L-appellata qalet li l-informazzjoni li ngħatat kienet li jekk minflok tapplika għall-pensjoni fl-2017, hija tapplika fl-2018, hija kien ser ikollha numru ndaqs ta' kontribuzzjonijiet imħallsa tal-ewwel u tat-tieni klassi għall-aħħar għaxar snin tal-ħajja lavorattiva tagħha qabel tapplika għall-pensjoni, u b'hekk kienet ser tkun f'pożizzjoni li tagħżel il-bażi li fuqha setgħet tiġi kkalkolata l-pensjoni tagħha, jiġifieri dik li l-aktar tkun ta' benefiċċju għaliha. Dan ifisser ukoll li l-appellata setgħet tagħżel jekk għall-fini tal-pensjoni kontributorja li ser titħallas lilha, għandhomx jitqiesu l-kontribuzzjonijiet imħallsa minnha taħt l-ewwel klassi (bħala persuna impjegata) jew inkella dawk imħallsa taħt it-tieni klassi (bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha). L-appellata żiedet tgħid li biex tikkonferma l-informazzjoni li ngħatat, hija kitbet lid-Direttur Ġenerali appellant biex tikseb

konferma bil-miktub, għaliex skont din l-informazzjoni li ngħatat, hija kien ser ikollha tagħmel sena oħra taħdem mingħajr ma tieħu pensjoni. L-appellata għamlet riferiment għall-ittra tal-4 ta' Jannar, 2017 mibgħuta lilha mid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali, fejn hija ġiet infurmata li jekk ser tapplika għall-pensjoni fl-2018, hija xorta waħda ser ikollha numru ikbar ta' kontribuzzjonijiet tat-tieni klassi milli tal-ewwel klassi, għaliex f'sena partikolari kien hemm 53 kontribuzzjoni minflok 52. Kien għalhekk li l-appellata ngħatat il-parir li taħdem sena addizzjonali bħala impjegata, sabiex fuq il-bilanċ tal-kontribuzzjonijiet imħallsa minnha fl-aħħar għaxar snin qabel ma hija tapplika għall-pensjoni, ikun hemm aktar kontribuzzjonijiet tal-ewwel klassi mħallsa minnha milli kontribuzzjonijiet tat-tieni klassi. L-appellata qalet li kien biss meta rċeviet din l-ittra, li hija sabet li bi żball kienet ħallset żewġ kontribuzzjonijiet żejda tat-tieni klassi fi żmien meta, ċjoé fl-aħħar ġimgħa tal-2012, hija ma kinitx għadha taħdem għaliha nnifisha u kienet diġà tterminat l-istat tagħha ta' persuna li taħdem għaliha nnifisha mal-JobsPlus. L-appellata żiedet tgħid li meta hija talbet li tingħata rifużjoni għal dawk iż-żewġ kontribuzzjonijiet mid-Dipartiment, hija ġiet infurmata li t-talba tagħha kienet preskritta, iżda ma kellhiex tittieħed konsiderazzjoni ta' dawn il-kontribuzzjonijiet għall-fini tal-komputazzjoni tal-pensjoni tagħha. Żiedet tgħid li kien f'dan iż-żmien li hija ngħatat parir li tapplika għall-pensjoni f'Marzu tal-2018 u mbagħad tippreżenta l-każ quddiem l-Arbitru.

14. L-appellata qalet li kien biss waqt l-ewwel seduta li nżammet quddiem l-Arbitru li hija ġiet infurmata li l-kontribuzzjonijiet imħallsa minnha bejn is-snin 2013 u 2017 kienu meqjusa bħala kontribuzzjonijiet tat-tieni klassi, jiġifieri ta'

persuna li taħdem għaliha nnifisha. Qalet li kien f'dan l-istadju li hija ntebħet li kull rendikont ippreżentat mill-appellant kien differenti mir-rendikonti li ngħatawlha minnu kull darba li hija talbet li jkollha laqgħa ma' uffiċjali mid-Dipartiment immexxi mill-appellant. Żiedet tgħid li kien hawnhekk ukoll li hija indunat li l-kontribuzzjonijiet li tħallsu minnha bejn l-2013 u l-2017 kienu fil-fatt qegħdin jiġu meqjusa bħala kontribuzzjonijiet tat-tieni klassi, jiġifieri ta' persuna li taħdem għaliha nnifisha. L-appellata qalet min-naħa tagħha hija ppreżentat id-dokumentazzjoni uffiċjali maħruġa minn JobsPlus li turi t-tmiem tal-impjieg tagħha bħala persuna *self-employed* fil-21 ta' Diċembru, 2012, u l-bidu tal-impjieg tagħha mal-kumpannija AFE Trading Limited fl-1 ta' Jannar, 2013. L-appellata qalet li d-Dipartiment appellant ma kienx jaf b'dan it-tibdil fl-istatus tagħha, u għalhekk jirriżulta li dan naqas milli jagħmel l-investigazzjonijiet mistennija minnu *ai termini* tal-artikolu 105 tal-Kap. 318, li kienet neċessarja sabiex jiġi determinat b'mod ġust u ekwu jekk l-appellata bejn l-2013 u l-2017 kinitx impjegata jew inkella kinitx persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha.

15. L-appellata qalet li kienet sorpriża wkoll meta għall-ewwel darba semgħet lill-appellant iqajjem l-argument tal-impjieg eċċettwat. Qalet li l-Arbitru tant interpreta l-fatti li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu b'mod korrett, li dan ikkonkluda li minkejja li l-appellata għamlet snin tikkorrispondi mad-Dipartiment dwar il-kontribuzzjonijiet imħallsa minnha tul is-snin u d-drittijiet tagħha marbuta mal-pensjoni dovuta lilha, id-Dipartiment qatt ma qajjem xi forma ta' kontenzjoni marbuta man-natura tal-impjieg tal-appellata u l-argument dwar l-impjieg eċċettwat qatt ma kien issemma qabel.

16. L-appellata qalet li wħud mill-fatti li jissemmew fir-rikors tal-appell, ma jirriżultaw minn imkien, ma tressqet l-ebda prova tagħhom u ma jistgħux jiġu kkonsidrati bħala 'fatti', għaliex l-ebda wieħed minn dawn il-'fatti' ma ġie ppruvat. L-appellata qalet li l-appellant ma qal xejn dwar il-fatt li għal diversi snin l-appellata operat bħala *sole trader,* u dwar il-fatt li x-xewqa tagħha kienet li tinvolvi lil uliedha fin-negozju tal-familja. Qalet li d-deċiżjoni tal-Arbitru turi li dan fehem x'kien l-ispirtu li bih ġiet iffurmata l-kumpannija, u żiedet tgħid li l-enfasi tal-appellant fuq l-impjieg hekk imsejjaħ 'eċċettwat' qed issir biss biex tiżvija lill-Qorti mill-interpretazzjoni ġusta u korretta tal-liġi. L-appellata spjegat li bejn l-1996 u Diċembru tal-2012 hija kienet topera bħala *sole trader,* u għalhekk hija kienet responsabbli mhux biss għall-operat u t-tkabbir tan-negozju tagħha, iżda wkoll hija kienet iġġorr waħedha il-piż u tassorbi l-ispejjeż kollha assoċjati mal-operat u t-tkabbir tan-negozju tagħha. Qalet li tul dawn is-snin kien hemm diversi snin fejn hija ddikjarat qligħ nett b'mod konsistenti, u kien dan l-andament finanzjarju stabbli li wassal lill-appellata biex minn negozju ta' bejgħ bl-ingrossa, tikkonsidra wkoll li tespandi fis-settur tal-bejgħ bl-imnut. Spjegat li fis-sena 2009 hija għamlet sensiela ta' investimenti fin-negozju tagħha bl-għan ewlieni li tkabbar l-operat u l-*goodwill* għas-snin li kienu ġejjin. Qalet li bejn l-2009 u l-2011 hija rreġistrat telf, kif spiss jiġri meta wieħed jagħmel investiment ta' dan it-tip, li jibda jirrendi biss wara ftit snin. Spjegat li wieħed mill-investimenti sostanzjali li hija għamlet kien il-ftuħ ta' ħanut fl-Imsida bl-isem *Faber-Castell/the concept,* liema ħanut għadu jeżisti u qed jopera. Qalet li apparti spejjeż ta' natura kapitali, dan il-pass wassal biex ikun hemm żieda sostanzjali fl-ispejjeż tan-negozju minħabba li żdiedet l-ispiża tal-kera, tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u tal-ħlas tas-salarji.

Żiedet tgħid illi li kieku l-appellant għamel l-investigazzjoni tiegħu b'mod sew, dan waħdu kien jagħraf x'kienet ir-raġuni għalfejn għal ċertu żmien hija rreġistrat telf, u x'kienet ir-raġuni għalfejn kien biss fis-sena 2012 li hija bdiet tara profitt. L-appellata qalet li wara l-investiment sostanzjali li sar minnha, il-pass għaqli li jmiss kien li hija taħseb għal *succession planning* u għalhekk ġiet iffurmata l-kumpannija ta' responsabbilità limitata bl-isem AFE Trading Limited f'Diċembru tal-2012. Spjegat li din il-kumpannija ġiet ikkostitwita fid-19 ta' Diċembru, 2012, fejn hija u t-tliet uliedha saru azzjonisti, b'kull wieħed minnhom bi kwota ta' 25% tal-ishma, u anki ġew maħtura diretturi tal-istess kumpannija. L-appellata spjegat li fil-mument li ġiet iffurmata din il-kumpannija, in-negozju li hija kellha bħala *sole trader* ġie trasferit lill-kumpannija permezz ta' att ta' trasferiment, u kull persuna kellha toħroġ sehemha sabiex issaħħaħ il-kapital u l-operat tan-negozju. Qalet li l-kumpannija fejn hija impjegata taħdem bħala entità ġuridika distinta skont il-liġi, u għalhekk terfa' r-responsabbilità fil-konfront tal-operat tagħha u tal-persuni li timpjega. Qalet li f'dan il-każ inżammu l-istess nies fl-impjieg sabiex ikun hemm element ta' kontinwità. Qalet li wara li l-kumpannija għamlet l-analiżi tagħha, ġie stabbilit li kien hemm il-ħtieġa li jinħatar *general manager* fuq bażi *full-time* sabiex dan ikun jista' jerfa' r-responsabbilità ta' kuljum tan-negozju, u għalhekk ġie deċiż li tkun l-appellata li tieħu dan ir-rwol minħabba fis-snin twal ta' esperjenza fit-tmexxija u fl-operat ta' dan l-istess negozju bħala *sole trader.* Qalet li f'dan ir-rwol hija bdiet taqla' salarju li kien jirrifletti x-xogħol li tagħmel.

17. L-appellata għamlet riferiment għall-paragrafu 6 tat-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 318, li jittratta impjieg eċċettwat, li l-appellata tgħid li jirreferi biss għall-impjieg ta' direttur fil-kwalità ta' direttur u mhux fi rwol ieħor fin-negozju. Qalet li kuntrarjament għal dak allegat mill-appellant, mhux minnu li fis-sena 2013 hija ġiet impjegata bħala direttriċi mal-kumpannija li tagħha hija kienet azzjonista flimkien ma' wliedha, għaliex il-kuntratt ta' impjieg tagħha li ġie fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2013 bl-ebda mod ma jindirizza l-impjieg tagħha fil-kwalità ta' direttur jew jitkellem fuq id-dmirijiet u l-obbligi jew id-drittijiet tagħha fil-kapaċità tagħha ta' direttur tal-istess kumpannija, iżda jindirizza biss u esklussivament ir-rwol u l-funzjonijiet tagħha bħala *general manager* tal-istess kumpannija. L-appellata qalet li l-kuntratt ta' impjieg tagħha jiddeskrivi d-dmirijiet, l-obbligi u d-drittijiet ta' *general manager,* u jagħmel distinzjoni ċara bejn is-salarju tagħha bħal impjegata li qiegħda taqdi d-dmirijiet ta' *general manager* u rimunerazzjoni oħra li hija tista' taqla' bħala direttur. L-appellata qalet li skont it-termini tal-istess kuntratt ta' impjieg tagħha li ġie fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2013, ir-relazzjoni bejn il-kumpannija u l-appellata hija waħda ta' prinċipal u ħaddiem. Qalet li f'dan il-każ, id-denominazzjoni ta' *managing director* fil-kuntratt ta' impjieg tagħha huwa biss titolu assenjat lilha mill-kumpannija bi skop ta' konvenjenza, minħabba li filwaqt li hija involuta fl-operat ta' kuljum tal-kumpannija bħala *general manager* u hija impjegata bħala tali, hija wkoll direttur tal-istess kumpannija flimkien ma' tlieta min-nies oħra. Żiedet tgħid li l-*memorandum and articles of association* tal-kumpannija jagħmel din id-distinzjoni u jispjega kif il-bord tad-diretturi tal-kumpannija għandu s-setgħa li jappunta persuni fir-

rwol ta' *managing director,* kif ukoll persuni fi rwoli eżekuttivi, li jfisser li tali persuni jistgħu jkunu involuti fit-tmexxija tal-operat tal-kumpannija.

17. L-appellata qalet li skont il-liġi kummerċjali li tirregola l-kumpanniji, jiġifieri l-Kap. 386, direttur ta' kumpannija huwa meqjus bħala uffiċjal ta' kumpannija u mhux impjegat tagħha. Qalet li fil-kuntest tal-liġi tal-impjiegi, minflok kuntratt ta' impjieg, direttur ħafna drabi jkollu *contract of service* li jkun ikopri l-obbligi u d-dmirijiet u d-drittijiet tiegħu rigwardanti s-servizz li jkun qiegħed joffri bħala direttur tal-kumpannija, u mhux bħala impjegat. Żiedet tgħid li bħala prassi, fid-dinja tax-xogħol, persuna li tokkupa u li għandha responsabbiltajiet marbutin u assoċjati mar-rwol ta' *general manager* tkun persuna impjegata mal-istess kumpannja, irrispettivament minn jekk tali persuna hijiex ukoll direttur tal-istess kumpannija jew le, u għalhekk f'dan ir-rigward ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi li tirregola l-impjiegi. L-appellata qalet li l-appellant ma fehemx sew dak li rrikonoxxa l-Arbitru, jiġifieri li l-impjieg eċċettwat ma japplikax għall-każ odjern, għaliex hemm distinzjoni fundamentali li wieħed għandu jagħmel bejn persuna li tokkupa r-rwol u l-funzjoni ta' *general manager,* u l-funzjoni ta' direttur f'kuntest ta' bord tad-diretturi ta' kumpannija.

18. L-appellata qalet li f'dan il-każ l-Arbitru bbaża ruħu primarjament fuq l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-paragrafu li jittratta l-impjieg eċċettwat ai fini tat-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 318. L-appellata qalet li l-Arbitru interpreta l-fatti tal-kawża b'mod ġust wara li għarbel il-provi kollha li kellu quddiemu, iċċita l-prinċipju *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit,* u qal li fejn il-

leġiżlatur ried jirreferi għal kwalunkwe tip ta' soċjetà kummerċjali fil-kuntest tal-Kap. 318, fl-istess dispożizzjoni tal-liġi semma kemm it-terminu 'soċjetà' kif ukoll it-terminu 'kumpannija', kif jagħmel fl-artikolu 12 u l-artikolu 133(b) tal-Kap. 318. L-appellata qalet li minbarra li applika n-norma tal-liġi u l-prinċipji tal-legalità, l-Arbitru f'dan il-każ ħaddan ukoll il-prinċipji tal-ġustizzja u tal-ekwità, kif kien mistenni minnu skont l-artikolu 108(9) tal-Kap. 318. L-appellata qalet li għalhekk għandu jirriżulta li l-Arbitru kien korrett meta interpreta l-liġi b'mod restrittiv, iktar u iktar meta wieħed qiegħed jitkellem mhux biss dwar il-liġi li tirregola s-Sigurtà Soċjali, iżda wkoll dwar id-dritt ta' persuna li wara li tkun ħadmet għal diversi snin, tgawdi minn pensjoni xierqa, għaliex wara kollox din jista' jkollha impatt kbir fuq il-mod u l-kwalità tal-għajxien tal-persuna fis-snin meta tkun irtirata mix-xogħol.

19. L-appellata għamlet riferiment ukoll għad-dibattiti parlamentari li wasslu għall-introduzzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi, u qalet li l-Arbitru kien korrett fl-interpretazzjoni tiegħu li l-impjieg tal-appellata ma jaqax taħt id-dispożizzjonijiet dwar impjieg eċċettwat, kif ikkontemplat taħt it-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 318. Qalet li fl-istess diskors li sar mill-Ministru Louis Galea, dan spjega li minkejja li l-intenzjoni tal-leġiżlatur kienet li jitnaqqsu l-possibilitajiet fejn persuni jistgħu jinfluwenzaw direttament is-salarji tagħhom stess, il-liġi trid tirregola sitwazzjonijiet fejn id-direttur ta' kumpannija jkun ukoll impjegat. Fl-istess dibattitu intqal ukoll li jekk wieħed jimpjega azzjonista maġġoritarju, dan ma jistax jgħid li huwa impjegat, u għalhekk *prima facie* d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali jittrattah bħala *self-employed.* L-appellata żiedet tgħid li l-leġiżlatur, għad li ried jimpedixxi u

jirregola l-abbuż li jsir minn nies diżonesti li jippruvaw jabbużaw mis-sistema tas-sigurtà soċjali, ma xtaqx u ma riedx jippenalizza ħaddiema onesti li dejjem ħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom, partikolarment fejn dawn ikunu involuti kemm fil-bord tad-diretturi tal-kumpannija kif ukoll fl-operat tal-istess kumpannija. L-appellata saħqet li f'dan il-każ hija involuta kemm bħala azzjonista, kif ukoll bħala direttur u fl-operat ta' kuljum b'mod assolut, u hi għamlet dan kollu bl-aktar mod ġenwin, onest u trasparenti. Żiedet tgħid li f'dan il-każ għandu jirriżulta li hija la għandha s-setgħa li tinfluwenza jew tikkontrolla s-salarju tagħha, u lanqas ma tibbenefika minn xi benefiċċju addizzjonali u supplimentari għas-salarju tagħha.

20. L-appellata qalet li f'dan il-każ l-appellant kellu l-obbligu li jara jekk persuna hijiex jew kinitx impjegata jew persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha, u għalhekk għandu obbligu li jinvestiga mhux biss dak li jirriżulta *prima facie,* iżda għandu jinvestiga, jisma' u jifhem iċ-ċirkostanzi u l-mertu tal-każ li jkollu quddiemu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

21. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju ewlieni tad-Direttur Ġenerali appellant fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata fir-risposta tagħha. Qabelxejn iżda, u b'riferiment għall-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-appellata, il-Qorti qiegħda tirrileva li f'dan il-każ tinsab sodisfatta li r-rikors tal-appell tad-Direttur Ġenerali appellant tressaq

entro t-terminu stabbilit fil-liġi, għaliex ġie ppruvat li l-ittra bid-deċiżjoni tal-Arbitru ġiet notifikata lill-appellant fit-30 ta' Ġunju, 2020, filwaqt li l-appell tal-appellant ġie ppreżentat fid-29 ta' Lulju, 2020.

22. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant spjega li l-kontenzjoni ewlenija bejn il-partijiet hija dwar il-mod kif għandhom jitqiesu għadd ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali li għamlet l-appellata tul is-snin meta hija kienet impjegata bħala *managing director* ma' kumpannija li hija kienet azzjonista fiha flimkien ma' wliedha, u jekk dawn il-kontribuzzjonijiet għandhomx jitqiesu li saru minn persuna li taħdem għaliha nnifisha jew inkella minn persuna fl-impjieg. L-appellant jgħid li f'dan il-każ l-impjieg inkwistjoni għandu jitqies li huwa impjieg eċċettwat, u għalhekk il-kontribuzzjonijiet li saru mill-appellanta bejn is-sena 2013 u s-sena 2017 għandhom jitqiesu li huma kontribuzzjonijiet tat-tieni klassi, jew kontribuzzjonijiet li saru minn persuna li taħdem għaliha nnifisha. L-appellata ma taqbilx mal-pożizzjoni tal-appellant, u tgħid li ladarba hija kienet impjegata bħala *managing director* mal-kumpannija AFE Trading Limited, il-kontribuzzjonijiet li saru minnha f'dan il-perijodu ta' żmien, għandhom jitqiesu li huma kontribuzzjonijiet li saru minn persuna impjegata.

23. Mill-provi jirriżulta li għal perijodu ta' għaxar snin, l-appellata kienet irreġistrata bħala *sole trader* u kienet tħallas kontribuzzjonijiet meqjusa bħala tat-tieni klassi, jiġifieri kontribuzzjonijiet li jsiru minn persuna li taħdem għaliha nnifisha. Hija baqgħet hekk irreġistrata mal-JobsPlus sal-21 ta' Diċembru, 2012. Jirriżulta li fid-19 ta' Diċembru, 2012, ġiet reġistrata l-kumpannija AFE

Trading Limited, kumpannija b'responsabbilità limitata li l-azzjonisti tagħha huma l-appellata u t-tliet uliedha, u kull wieħed minnhom għandu 25% tal-ishma. L-appellata bdiet taħdem bħala *general manager* ta' din il-kumpannija b'effett mill-1 ta' Jannar, 2013 u baqgħet taħdem f'dan ir-rwol sal-bidu tas-sena 2018, meta hija kkwalifikat għall-pensjoni tal-irtirar. Xi żmien qabel għalqet l-età tal-irtirar, l-appellata bdiet tikkorrispondi mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex tara hija għal xiex kienet ser tikkwalifika ladarba tilħaq l-età tal-irtirar, u kien f'dan iż-żmien li hija ġiet mgħarrfa li tul il-ħajja lavorattiva tagħha hija għamlet 261 kontribuzzjoni li jaqgħu taħt it-tieni klassi (persuni li jaħdmu għalihom infushom), u 260 kontribuzzjoni li jaqgħu taħt l-ewwel klassi (impjegati). Kien fiż-żmien li l-appellata kienet qiegħda tagħmel din l-indaġini, li hija ġiet mgħarrfa mill-appellant li ladarba hija kellha aktar kontribuzzjonijiet tat-tieni klassi, il-pensjoni tagħha kellha tinħadem fuq il-profitt nett iddikjarat minnha fiż-żmien meta kienet taħdem għaliha nnifisha, u ġiet mgħarrfa wkoll li f'każ li jinstab li hemm numru ugwali ta' kontribuzzjonijiet li jaqgħu taħt iż-żewġ klassijiet, tkun tapplika għaliha l-aktar skema vantaġġuża. L-appellata ngħatat il-parir ukoll li sabiex il-pensjoni tagħha tinħadem fuq il-kontribuzzjonijiet tal-ewwel klassi li hija ħallset, hija kellha tirtira f'Jannar tal-2018, u mhux qabel. Jirriżulta li waqt li kienet għaddejja din il-korrispondenza bejn il-partijiet, l-appellata ntebħet li bi żball hija kienet ħallset żewġ kontribuzzjonijiet fl-aħħar ġimgħa tal-2012, fi żmien meta allura la kienet għadha taħdem għaliha nnifisha u lanqas ma kienet impjegata, liema kontribuzzjonijiet tqiesu li jaqgħu taħt it-tieni klassi.

24. Tul il-proċeduri li saru quddiem l-Arbitru, kif ukoll waqt il-proċeduri ta' dan l-appell, l-appellant ħa l-pożizzjoni li minkejja li fl-aħħar ħames snin tal-ħajja lavorattiva tagħha l-appellata kienet impjegata ma' AFE Trading Limited, dan l-impjieg kellu jitqies bħala wieħed "eċċettwat", u għalhekk is-sitwazzjoni tal-appellata kellha titqies taħt il-paragrafu 6 Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 318, li jgħid hekk:

> "Impjieg ta' xi direttur f'xi soċjetà, għall-finijiet ta' dik is-soċjetà, fejn f'din is-soċjetà jkunu ngħaqdu flimkien persuni li jkunu jiġu minn xulxin, sa u inklużi kuġini fl-ewwel grad u/jew in-nisa tagħhom jew żwieġhom sakemm xi diretturi bħal dawk ikunu huma nnifishom soċji bħal dawk jew in-nisa ta' jew żwieġ dawk is-soċji."

L-appellant jgħid li dan il-paragrafu li abbażi tiegħu huwa qiegħed isejjes il-kalkolu tal-pensjoni kontributorja li għandha titħallas lill-appellata, ma jispeċifikax it-tip ta' soċjetà li persuna tkun taħdem magħha sabiex jiġi determinat jekk impjieg hux eċċettwat jew le. Jgħid li f'dan il-każ il-kelma "soċjetà" kellha tingħata tifsira wiesgħa, sabiex tkopri kull tip ta' soċjetà kkontemplata taħt il-Kap. 168, u mhux biss il-*partnership* kif ġie deċiż mill-Arbitru. Għall-Qorti m'hemmx dubju li impjieg ma' soċjetà b'responsabbilità limitata, kif inhu l-każ in eżami, huwa tip ta' impjieg li huwa kopert b'din id-dispożizzjoni tal-Kap. 318, kif jirriżulta mit-test tal-liġi. Jifdal iżda li jiġu mistħarrġa elementi oħra ta' dan il-paragrafu sabiex jiġi deċiż jekk il-kontribuzzjonijiet li saru mill-appellata fl-aħħar ħames snin tal-ħajja lavorattiva tagħha, kellhomx jitqiesu li huma kontribuzzjonijiet li saru minn persuna impjegata, jew inkella minn persuna li qiegħda f'impjieg eċċettwat.

25. L-appellata spjegat li filwaqt li huwa minnu li hija ħallset kontribuzzjonijiet bħala *sole trader* tul il-perijodu bejn l-1996 u l-2012, kien hemm żmien meta hija xtaqet li tespandi l-operat tagħha, anki sabiex fin-negozju tagħha jiddaħħlu jaħdmu wliedha, u għalhekk fl-2009 għamlet investiment sabiex tidħol fil-qasam tal-bejgħ bl-imnut u bdiet tkabbar il-*goodwill* tan-negozju tagħha. Spjegat li kif spiss jiġri meta persuna tagħmel investiment bħal dan sabiex ittejjeb il-prospetti tan-negozju tagħha, fl-ewwel ftit snin hija rreġistrat telf, u għalhekk hija kienet qiegħda tħallas kontribuzzjonijiet li kienu jirriflettu l-qagħda finanzjarja tan-negozju tagħha dak iż-żmien. Qalet li kien biss fl-2012 li hija bdiet tirreġistra profitt, u għalhekk iddeċidiet li tbigħ in-negozju tagħha lill-kumpannija AFE Trading Limited, fejn kull wieħed mill-azzjonisti ħareġ sehmu sabiex ikun imsieħeb f'dan in-negozju. Spjegat ukoll li peress li hija kienet il-persuna li kellha l-aktar għarfien tat-tmexxija tan-negozju, ġie deċiż li hija kellha tingħata r-rwol ta' *general manager* tal-kumpannija, b'salarju li kien jirrifletti r-responsabbiltajiet u x-xogħol tagħha fin-negozju. L-appellata spjegat li hija qatt ma ġiet impjegata bħala direttriċi ta' dan in-negozju, u r-rwol tagħha ta' direttriċi kien rwol separat u distint mill-impjieg tagħha bħala *general manager* tal-kumpannija.

26. Il-Qorti hija tal-fehma li huwa biss meta persuna tiġi impjegata fir-rwol ta' direttur ta' soċjetà b'responsabbilità limitata, li l-impjieg ta' dik il-persuna jista' jitqies bħala wieħed eċċettwat. Ir-rwol ta' direttur ta' kumpannija huwa wieħed definit taħt il-Kap. 386, u din il-Qorti ma tarax li f'dan il-każ l-impjieg tal-appellata bħala *general manager* fil-kumpannija inkwistjoni b'xi mod jista' jitqies li għandu l-istess funzjoni bħal ta' "direttur" ta' kumpannija għall-finijiet

ta' paragrafu 6 tat-Tieni Taqsima tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 318. Għandha tinżamm distinzjoni ċara bejn g*eneral manager* li huwa mistenni li jerfa' r-responsabbilità, normalment fuq bażi *full-time,* għall-amministrazzjoni ta' kuljum tan-negozju ta' kumpannija u jaqla' salarju li jkun jirrifletti x-xogħol li jagħmel, u direttur ta' kumpannija li għandu d-dmir, fuq bażi normalment *part-time,* li jippromwovi il-benessere tal-kumpannija u huwa responsabbli għal (a) it-tmexxija ġenerali tal-kumpannija u l-amministrazzjoni u l-immaniġġjar tagħha u (b) s-sorveljanza ġenerali tal-affarijiet tagħha.[2] Il-paragrafu 6 tat-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 318 li jittratta impjieg eċċettwat, jagħmel riferment biss għall-impjieg ta' direttur fil-kwalità ta' direttur u mhux f'xi rwol ieħor fin-negozju. Il-kuntratt ta' impjieg tal-appellata jirregola d-dmirijiet, l-obbligi u d-drittijiet ta' *general manager* u jagħmel distinzjoni ċara bejn is-salarju tagħha bħal impjegata li qiegħda taqdi d-dmirijiet ta' *general manager* u kwalsiasi rimunerazzjoni oħra li hija tista' taqla' bħala direttur. Il-Qorti tqis li mill-provi li ġew prodotti, jirriżulta ċar li l-impjieg tal-appellata mas-soċjetà AFE Trading Limited huwa wieħed ġenwin u mhux xi sotterfuġju maħsub sabiex l-appellata tingħata xi benefiċċju li altrimenti hija m'għandhiex jedd għalih. F'dan il-każ l-Arbitru kien korrett fejn iddeċieda li l-pensjoni kontributorja tal-appellata kellha tinħadem abbażi tal-artikolu 1(b) tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 318. Għaldaqstant tqis li l-aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

[2] Ara l-artikolu 136A(2) tal-Kap. 386.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**